# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum il-Ġimgħa, 7 t'Ottubru 2016

**Kawża Nru: 12**

**Rikors Ġuramentat Nru: 1012 / 12 JA**

**Ludgarda mart Edgar Cachia; Mary Ann mart Philip Mizzi; Eugenio Cardona; Paul Cardona; u Doreen mart Salvatore Agius.**

**-vs-**

**Carmela *sive* Carmen Mizzi; Joseph Mary *sive* Joseph Cardona; Catherine mart George Micallef; Maria Theresa *sive* Marthese mart Joseph Vella; u l-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Alison Wadge li b'digriet tal-14 ta' Novembru 2012 ġew maħtura**

**bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Giorgina mart Joseph Demicoli; u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2013 l-imsemmija kuraturi deputati ġew estromessi mill-kawża u minflokhom assuma l-atti John Mizzi bħala kuratur.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fid-9 ta' Ottubru 2012 fejn ġie premess:

Illi l-kontendenti huma lkoll aħwa, ulied id-defunti Paolo Cardona u Theresa Cardona li mietu fl-għaxra (10) ta' Diċembru 2008, u 30 ta' Lulju 1979 rispettivament, skont ma jirriżulta miċ-ċertifikati tal-mewt li qed jiġu annessi u markati bħala Dokumenti 'A' u 'B'.

Illi s-suċċessjoni tal-imsemmi Paul Cardona hija regolata skont testment illi huwa għamel fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), hawn anness u markat Dokument 'C', bis-saħħa ta' liema, fost dispożizzjonijiet oħra, huwa ħalla b'titolu ta' prelegat, *in piena* u assoluta proprjeta':

a) kwalunkwe sehem li huwa kien jippossjedi f'jum mewtu mid-dar f'Ħal Qormi, Triq il-Mejjilla, numru dsatax (19), jisimha 'Casa Cardona' kwantu għan-nofs lill-intimata Carmela Mizzi u kwantu għan-nofs l-ieħor ta' sehmu lir-rikorrenti u l-intimati l-oħra.

b) il-mobbli kollha appartenenti lilu u eżistenti fid-dar tal-abitazzjoni tiegħu f'jum mewtu mill-għatba 'l ġewwa *(ad limine intus)* lil bintu l-intimata Carmela Mizzi; u nnomina u istitwixxa bħala werrieta universali tiegħu lill-kontendenti kollha f'sehem indaqs bejniethom, qed jiġu annessi r-riċerki testamentarji ta' Paul Cardona li qed jiġu markati bħala Dokumenti 'D' u 'E'.

Illi s-suċċessjoni ta' Teresa Cardona hi regolata skont testment *unica charta* datat 19 ta' Marzu 1950, u għalhekk il-kontendenti huma werrieta universali tagħha f'sehem indaqs bejniethom, flimkien ma' ħuhom Ignatius Cardona li miet intestat fit-22 ta' Ġunju 1996, skont ma jirriżulta aħjar mid-Dokumenti 'NC1', 'NC2' u 'NC3' li qed jiġu annessi. Qed jiġu annessi r-riċerki testamentarji ta' Teresa Cardona li qed jiġu mmarkati bħala Dokumenti 'F' u 'G', u t-testment datat 19 ta' Marzu 1950 bħala Dokument 'H'.

Illi l-mejjet Paul Cardona kien jippossjedi f'jum mewtu wieħed u sittin minn mija wieħed u għoxrin ($^{61}/_{121}$) sehem indiviż mid-dar tal-abitazzjoni tiegħu, f'Ħal Qormi, Triq il-Mejjilla, numru dsatax (19), li ġġib l-isem ta' 'Casa Cardona', filwaqt li r-rimanenti ishma ndiviżi kienu jappartjenu lill-wirt ta' Teresa Cardona u għalhekk lill-kontendenti kollha bħala eredi tal-imsemmija ommhom Teresa Cardona u ħuhom Ignatius Cardona f'sehem indaqs bejniethom.

Illi b'att pubbliku tas-6 ta' Diċembru 2011 in atti Nutar Dorianne Arapa, il-kontendenti mmettew lil xulxin fil-pussess tal-pre-legati lilhom imħollija minn missierhom, id-defunt Paul Cardona, skont ma jirriżulta mid-Dokument 'I' anness.

Illi l-eredita' tad-defunti Paul u Teresa Cardona u Ignatius Cardona għadha indiviża, u *nonostante* d-diversi tentattivi tar-rikorrenti sabiex jintlaħaq ftehim mal-intimati dwar il-qasma tal-imsemmija eredita' u dwar il-qasma tal-ġid miżmum in komuni bejn il-kontendenti, dan kien kollu għalxejn. Illi r-rikorrenti ma jridux lanqas jibqgħu in komunjoni tal-proprjeta' mal-intimati u jridu li l-ġid komuni li huma jippossjedu flimkien mal-intimati, u l-eredita' tal-ġenituri tagħhom Paul u Teresa Cardona u Ignatius Cardona, jiġu diviżi skont il-liġi.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex għar-raġunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn Paul u Teresa konjuġi Cardona;

2. Tordna d-diviżjoni tal-assi formanti din il-komunjoni f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja waħda lill-assi partikolari ta' Paul Cardona u l-oħra lill-assi partikolari ta' Teresa Cardona.

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Paul Cardona u tiddikjarahom jikkonsistu fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Teresa Cardona u tiddikjarahom jikkonsistu fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.

5. Tillikwida l-assi ta' Ignatius Cardona.

6. Tiddividi l-ġid kollu in kwantu għas-sehem spettanti lil Paul Cardona u għas-sehem spettanti lil Teresa Cardona, u l-ġid provenjenti mill-wirt ta' Ignatius Cardona bejn il-kontendenti f'dawk l-ishma li jispettaw lilhom skont ma ngħad hawn fuq u skont it-testmenti relattivi u skont il-liġi.

7. Tordna d-diviżjoni tal-proprjeta' komuni eżistenti bejn il-kontendenti.

8. Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni dwar dak li hu komodament diviżibbli, jekk ikun il-każ.

9. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

10. Tinnomina nutar u kuraturi għall-eventwali kontumaċi sabiex jiġi ppubblikati l-atti relattivi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 t'Awissu 2010 kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fis-7 ta' Diċembru 2012 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-eċċipjenti m'għandhom, u qatt ma kellhom, oġġezzjoni għall-qsim tal-wirt tal-ġenituri tagħhom u ta' ħuhom Ignazio;

2. Illli huma jaqblu li kull *asse* għandu jiġi likwidat, tenut kont l-attiv u l-passiv kollu, u mhux biss l-effetti immobbli;

3. Illi *ai fini* ta' *spese*, huma għamlu l-għalmu tagħhom biex tiġi evitata din il-kawża, u kienu anke disposti jbiegħu sehemhom mill-propjreta' formanti l-maġġor parti tal-wirt in kwistjoni, bi prezz raġonevoli lill-intimata Carmela Mizzi, iżda din rrifjutat;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali;

Rat ir-relazzjoni  tal-A.I.C. Godwin Abela, debitament maħlufa;

Rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju 2016 fejn il-partijiet qablu li l-proprjeta' in kwistjoni ma għandhiex tinbiegħ qabel Jannar 2018 jew meta tintemm il-kirja fuq il-fond 40, Triq il-Ħabbież, Qormi (skond liema javvera ruħu l-ewwel) u li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża fejn qed jintalab il-qsim tal-proprjeta' li għandhom in komuni l-partijiet in segwitu tal-kontenut tar-rikors promotur. Ma hemmx wisq kontestazzjoni la fuq l-assi u lanqas fuq il-kwoti spettanti lill-partijiet. Jidher infatti li l-kontestazzjoni hija dovuta għall-allegazzjoni tal-konvenuta Mizzi li tippossjedi l-fond prinċipali b'titolu ta' komodat. Rigward il-kwoti hemm qbil dwarhom kif indikat fin-nota responsiva tal-konvenuta Mizzi (fol 205), u ċjoe' li l-istess Mizzi għandha $^{731}/_{242}$ mill-fond 19, Triq il-Mejjilla, Qormi peress li wirtet sehem ħuha Nazju Cardona, (u fuq il-kumplament il-partijiet l-oħra għandhom sehem indaqs, u fuq il-fondi l-oħra l-partijiet għandhom $^{1}/_{9}$ kull wieħed u waħda.

Illi l-fondi soġġetti għad-diviżjoni huma s-segwenti:

- 19, Triq il-Mejjilla, Qormi stmat mill-perit tekniku fis-somma ta' €190,000 bħala liberu u frank u €91,000 jekk okkupat minn Carmen Mizzi u żewġha;

- 17, Triq il-Mejjilla, Qormi stmat €50,000;

- 40, Triq il-Ħabbież, Qormi stmat €115,000.

Illi ma hemmx dubju li l-fondi m'humiex komodament diviżibbli. Fuq il-kwistjoni tal-allegat komodat din il-Qorti taqbel mal-atturi li m'għandhiex tieħu konjizzjoni tiegħu f'din il-kawża; kif qalet din il-Qorti fil-kawża msemija mill-atturi fin-nota tagħhom, fl-ismijiet **"Haber vs Miceli"** deċiża fit-30 t'Ottubru 2014:

*"Fis-sentenza li din il-Qorti tat fis-26 ta' Jannar 1939 fil-kawża **"Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca"** ngħad hekk dwar in-natura tal-azzjoni:-*

*‘ ... il-Qorti tosserva li dik il-kwistjoni tidhol f’dil-kawża minħabba n-natura tal-azzjoni eżerċitata bit-taħrika, li hija l-actio familiae erciscundae li tolqot omne ius quod defunctus habuit, u għalhekk tikkomprendi l-kwistjonjiet kollha tal-wirt, u għaldaqstant fil-likwidazzjoni tikkomprendi wkoll il-kwistjonijiet tal-legati, tan-nullita’ parzjali jew totali u tar-riduzzjoni tagħhom.’*

*Fis-sentenza li din il-Qorti tat fil-31 ta’ Ottubru 1952 fil-kawża* ***“Vincenzo Attard vs Michelina Agius”*** *ingħad illi:-*

*‘F’ġudizzju familiae erciscundae jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x’jaqsmu mal-wirt u dana sal-punt li m’humiex permessi proċedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorju fuq sustanzi komponenti l-istess wirt.’*

*Din il-Qorti tinsisti fuq il-fehma tagħha illi l-kwistjoni ta’ jekk Anthony Haber kienx prestanome inkella le, u l-kwistjoni jekk l-iskritturi esebiti kienux jiswew huma barra mill-parametri tal-kawża. Il-ġurisprudenza ċitata tisħaq illi l-azzjoni tikkomprendi l-kwistjonijiet kollha tal-wirt bħal eżami ta’ legati. Madanakollu l-ġurisprudenza ma tippresupponix li trid issir investigazzjoni dwar kuntratti jew ftehim oħra. Li kieku hekk kien il-każ, kien ifisser illi l-Qorti jkollha tmur għall-assurd u qabel ma’ tgħaddi biex tiddeċiedi dwar diviżjoni ta’ wirt u likwidazzjoni ta’ sehem riservat, tkun kostretta qabel xejn li tistħarreġ kull kuntratt li jkun sar, u kull allegazzjoni jew konġettura li tista’ tisvolġi bejn il-kontenenti; dan mhuwiex ir-raison d’etre tal-azzjoni.”*

Illi l-fond in kwistjoni allura għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz stmat mill-perit tekniku bħala liberu u frank, naturalment salv kull dritt spettanti lill-partijiet involuti.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u peress li l-fondi soġġetti għall-qsim ma humiex komodament diviżibbli, dawn għandhom jinbiegħu mhux qabel il-31 ta' Jannar 2018, (jew qabel jekk tintemm il-kirja fuq imsemmija). Il-bejgħ fi kwalunkwe każ għandu jseħħ a bażi tal-prezzijiet kif stmati mill-perit tekniku. (Għal kull buon fini qed jiġi dikjarat li l-fond 19, Triq il-Mellija, Qormi għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz ta' €190,000 b'dan li l-konvenuta Carmen Mizzi tieħu $^{731}/_{2420}$ mir-rikavat tiegħu, filwaqt li s-sehem indiviż tal-kontendenti l-oħra jkun ta' $^{187}/_{2420}$ kull wieħed u waħda. Rigward il-fondi rimanenti l-partijiet għandhom jieħdu $^{1}/_{9}$ kull wieħed u waħda mir-rikavat tal-bejgħ tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**